RIŻOLUZZJONI (UE) 2022/1835 TAL-PARLAMENT EWROPEW

tal-4 ta' Mejju 2022

li tinkludi l-kummenti li jagħmlu parti integrali mid-deċiżjoni dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Shift2Rail (issa l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea) għas-sena finanzjarja 2020

IL-PARLAMENT EWROPEW,

— wara li kkunsidra d-deċiżjoni tiegħu dwar il-kwittanza għall-implimentazzjoni tal-baġit tal-Impriża Konġunta Shift2Rail għas-sena finanzjarja 2020,

— wara li kkunsidra l-Artikolu 100 u l-Anness V tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

— wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat għat-Trasport u t-Turiżmu,

— wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Kontroll tal-Baġit (A9-0069/2022),

A. billi l-Impriża Konġunta Shift2Rail (l-"Impriża Konġunta") ġiet stabbilita f'Ġunju 2014 għal perjodu ta' 10 snin mir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 ([1]);

B. billi l-membri fundaturi huma l-Unjoni, irrappreżentata mill-Kummissjoni, u s-sħab fl-industrija ferrovjarja (partijiet ikkonċernati ewlenin, inklużi l-manifatturi ta' tagħmir ferrovjarju, il-kumpaniji ferrovjarji, il-maniġers tal-infrastruttura u ċ-ċentri tar-riċerka) bil-possibbiltà li entitajiet oħra jistgħu jipparteċipaw fl-Impriża Konġunta bħala membri assoċjati; billi l-kontribuzzjonijiet tal-membri minbarra l-Unjoni ma għandhomx ikunu limitati biss biex ikopru l-ispejjeż amministrattivi u l-kofinanzjament meħtieġ biex jitwettqu azzjonijiet ta' riċerka u innovazzjoni, iżda għandhom ikunu relatati wkoll ma' attivitajiet addizzjonali;

C. billi l-objettivi ewlenin tal-Impriża Konġunta huma li tikkontribwixxi għall-kisba taż-Żona Ferrovjarja Unika Ewropea, u li ttejjeb l-attraenza, il-kompetittività, is-sostenibbiltà, u l-integrazzjoni tas-sistema ferrovjarja Ewropea, billi tiffaċilita, fost affarijiet oħra, bidla modali mit-trasport bit-triq u bl-ajru għat-trasport ferrovjarju;

D. billi l-Impriża Konġunta bdiet taħdem b'mod awtonomu f'Mejju 2016;

Aspetti ġenerali

1. Jinnota mir-rapport tal-Qorti tal-Awdituri (il-"Qorti") dwar il-kontijiet annwali tal-Impriża Konġunta għas-sena finanzjarja 2020 (ir-"rapport tal-Qorti") li l-kontijiet annwali jippreżentaw b'mod ġust, fl-aspetti materjali kollha, il-pożizzjoni finanzjarja tal-Impriża Konġunta fil-31 ta' Diċembru 2020, ir-riżultati tal-operazzjonijiet tagħha, il-flussi tal-flus tagħha, u l-bidliet fl-assi netti għas-sena li ntemmet dakinhar, f'konformità mar-Regolament Finanzjarju tagħha u r-regoli kontabilistiċi adottati mill-uffiċjal tal-kontabbiltà tal-Kummissjoni; jinnota, barra minn hekk, li skont ir-rapport tal-Qorti, it-tranżazzjonijiet sottostanti tal-kontijiet huma, fl-aspetti materjali kollha, legali u regolari;

2. Jinnota li, għall-perjodu stabbilit fir-Regolament, il-kontribuzzjoni massima tal-Unjoni għall-attivitajiet tal-Impriża Konġunta hija ta' EUR 450 000 000 (inklużi l-kontribuzzjonijiet tal-EFTA), li għandhom jitħallsu mill-programm Orizzont 2020; jinnota li l-membri kollha tal-Impriża Konġunta minbarra l-Unjoni (grupp industrijali) għandhom jikkontribwixxu riżorsi totali ta' mill-inqas EUR 470 000 000, li jikkonsistu f'mill-inqas EUR 350 000 000 għall-attivitajiet operattivi tal-Impriża Konġunta, u mill-inqas EUR 120 000 000 għall-kontribuzzjonijiet *in natura* għall-attivitajiet addizzjonali tal-Impriża Konġunta;

3. Jinnota li, b'kollox, aktar minn 400 entità pubblika u privata, li jirrappreżentaw is-settur ferrovjarju, jipparteċipaw fl-attivitajiet ta' riċerka u innovazzjoni tal-Impriża Konġunta; jinnota, barra minn hekk, li fl-2020, il-kooperazzjoni fl-Istati Membri kif ukoll ma' partijiet internazzjonali żdiedet, kif muri bl-iffirmar ta' Memorandum ta' Qbil mar-Reġjun Bask, ta' ieħor mal-Konsorzju Kanadiż għar-Riċerka u l-Innovazzjoni fit-Tranżitu Urban, u ta' ieħor mas-Segretarjat Permanenti tal-Komunità tat-Trasport fl-2020;

([1]) Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) Nru 642/2014 tas-16 ta' Ġunju 2014 li jistabbilixxi l-Impriża Konġunta Shift2Rail (ĠU L 177, 17.6.2014, p. 9).

Ġestjoni baġitarja u finanzjarja

4. Jinnota li l-baġit finali disponibbli fl-2020 (inklużi l-approprjazzjonijiet mhux użati li ddaħħlu mill-ġdid mis-snin preċedenti, id-dħul assenjat u r-riallokazzjonijiet għas-sena ta' wara) kien jinkludi approprjazzjonijiet ta' impenn ta' EUR 89 711 000 u approprjazzjonijiet ta' pagament ta' EUR 80 289 000; jinnota li fl-2020 ir-rati ta' użu għall-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament disponibbli kienu ta' 94 % u ta' 76 % rispettivament;

5. Jinnota li l-baġit attiv tal-Impriża Konġunta disponibbli fl-2020 għall-programm Orizzont 2020 kien ta' EUR 84 081 000 f'approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' EUR 75 779 000 f'approprjazzjonijiet ta' pagament; jinnota, barra minn hekk, mir-rapport tal-Qorti li fi tmiem l-2020 l-Impriża Konġunta implimentat 100 % u 80 % rispettivament tal-approprjazzjonijiet ta' impenn u ta' pagament disponibbli għall-proġetti tal-programm Orizzont 2020; jinnota li r-rata ta' implimentazzjoni għall-approprjazzjonijiet ta' pagament operattivi naqset meta mqabbla mal-2019 (88 %) minħabba li ftehim ta' għotja wieħed mogħti skont is-sejħa għal proposti tal-2020 ma setax jiġi ffirmat sa tmiem l-2020 u l-prefinanzjament relatat kellu jiġi ttardjat kif xieraq;

6. Jinnota li sa tmiem l-2020, il-membri privati kkontribwew total ta' EUR 131 181 000 ivvalidati, li kien jinkludi total ta' EUR 9 238 000 fi flus kontanti, EUR 121 942 000 f'kontribuzzjonijiet *in natura* vvalidati, u barra minn hekk kontribuzzjoni totali *in natura* għal attivitajiet addizzjonali ta' EUR 204 806 156 (mill-31 ta' Jannar 2021), meta mqabbla mal-kontribuzzjoni totali tal-Unjoni fi flus kontanti ta' EUR 297 741 000 (fi tmiem l-2020);

7. Jinnota li jeżistu proċeduri differenti fost l-Impriżi Konġunti rigward il-kalkolu għall-kontribuzzjonijiet *in natura* u jappella biex jiġu armonizzati;

Prestazzjoni

8. Jinnota li f'Lulju 2020, il-Bord tat-Tmexxija tal-Impriża Konġunta għażel 19-il proposta għal finanzjament bħala riżultat tas-sejħa tal-2020 varata f'Jannar 2020 abbażi tal-Pjan ta' Ħidma Annwali emendat tal-2020; jinnota li fl-2020, ingħataw 19-il għotja għal valur totali ta' madwar EUR 147 700 000, u 18 minnhom ġew iffirmati; jinnota li fuq talba tal-Konsorzju, b'kont meħud tal-ħtieġa li jiġu riorganizzati l-allokazzjonijiet tal-proġetti bejn il-pakketti ta' ħidma, firma waħda ta' ftehim ta' għotja ġiet posposta għall-2021; jinnota li b'kollox, 242 parteċipant, li 29 % minnhom kienu rrappreżentati minn intrapriżi żgħar u ta' daqs medju (SMEs) fil-proġetti ta' sejħiet miftuħa, inżammu għall-finanzjament fid-19-il suġġett ta' riċerka u innovazzjoni taħt is-sejħa tal-2020, u l-applikazzjonijiet kienu jirrappreżentaw parteċipanti minn 30 pajjiż, li minnhom 19-il Stat Membru u 3 pajjiżi assoċjati mal-Programm Qafas Orizzont 2020 inżammu għall-finanzjament;

9. Ifaħħar il-miżuri meħuda mill-Impriża Konġunta biex tillimita d-dewmien fil-proġetti wara l-kriżi tal-COVID-19; jinnota li minħabba l-kriżi tal-COVID-19 uħud mill-pagamenti, inizjalment previsti għas-sena 2020, saru dovuti biss fl-2021; jinnota f'dan ir-rigward li l-Impriża Konġunta għamlet użu mit-Titolu 4 fil-baġit tagħha skont ir-Regoli Finanzjarji tagħha;

10. Jinnota li fi tmiem l-2020, kienu għaddejjin 72 proġett (36 sejħa għall-membri u 36 sejħa miftuħa): tqassmu 55 proġett fuq il-5 programmi ta' innovazzjoni, 9 proġetti fuq l-attivitajiet trażversali, u 8 proġetti fil-Programm ta' Innovazzjoni X;

11. Jinnota li l-Impriża Konġunta tuża l-Indikaturi Ewlenin komuni tal-Prestazzjoni (KPIs) għall-programm Orizzont 2020 u għal kwistjonijiet trażversali, kif ukoll KPIs speċifiċi għall-Impriża Konġunta bħal dawk dwar l-effiċjenza tas-sistema tat-trasport ferrovjarju; jinnota li matul l-2020 l-Impriża Konġunta kompliet il-ħidma biex jinżamm il-"Mudell ta' Tbassir tal-Impatt Shift2Rail tal-2030" li jiżgura r-rilaxx li jmiss, li jirriżulta mill-aġġornament tal-input tad-data mill-proġetti u mid-dimostraturi tat-teknoloġija differenti;

12. Ifaħħar ir-rapportar kontinwu tal-Impriża Konġunta, mill-2018 'l hawn, dwar il-kontribut tagħha għall-kisba tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli tan-Nazzjonijiet Uniti, u, b'mod partikolari, dwar il-kontribut tagħha għat-tnaqqis tal-kost taċ-ċiklu tal-ħajja tas-sistema tat-trasport ferrovjarju;

13. Jinnota li sa tmiem l-2020, il-Programm Shift2Rail laħaq stadji importanti ewlenin f'termini ta' implimentazzjoni peress li kważi r-riżorsi kollha tal-Impriża Konġunta huma impenjati għall-attivitajiet tal-Programm Shift2Rail, u mill-inqas 60 % tal-Programm Shift2Rail twettaq bil-ħsieb li jintlaħqu d-dimostrazzjonijiet operattivi TRL6/7 li huma ppjanati li jiġu konklużi matul l-2023;

14. Jinnota li huwa stmat li l-valur totali tal-attivitajiet imwettqa fl-2020 jammonta għal EUR 119,4-il miljun (li minnhom EUR 110,3 miljuni ġew imwettqa mill-membri apparti l-Unjoni);

15. Jinnota li l-attivitajiet attwali tal-Impriża Konġunta qed jimxu 'l quddiem lejn id-dimostrazzjonijiet tagħhom fl-2022 u fl-2023 u dan se jiżgura eliminazzjoni gradwali u introduzzjoni gradwali xierqa bejn żewġ Programmi fis-suċċessur ta' Shift2Rail, l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea; jinnota li d-dimostraturi teknoloġiċi tal-Impriża Konġunta huma l-elementi kostitwenti ta' trasformazzjoni ferrovjarja aktar sistemika li hija mmexxija b'mod strateġiku mill-Patt Ekoloġiku Ewropew tal-Kummissjoni, mill-Aġenda tad-Diġitalizzazzjoni u aktar reċentement mill-Istrateġija għal Mobilità Sostenibbli u Intelliġenti; jinnota li matul ir-rebbiegħa tal-2020, l-Impriża Konġunta appoġġjat aktar l-iżvilupp tad-Dokument ta' Livell Għoli dwar is-suċċessur ta' Shift2Rail l-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea (EU-Rail) u wara s-sottomissjoni tal-ewwel verżjoni tad-Dokument ta' Livell Għoli f'Diċembru 2019, l-Impriża Konġunta kompliet il-koordinazzjoni tad-diversi inputs fl-ewwel nofs tal-2020; jinnota li matul Awwissu 2020, il-Kummissjoni varat l-istedina tagħha għall-entitajiet biex juru interess li jsiru membru fundatur kandidat tal-Impriża Konġunta Sistema Ferrovjarja Ewropea;

16. Iħeġġeġ lill-Impriża Konġunta tiżviluppa, tintegra, turi u tivvalida teknoloġiji u soluzzjonijiet innovattivi sabiex tneħħi l-ostakli tekniċi li fadal li jżommu lis-settur ferrovjarju lura f'termini ta' interoperabbiltà, implimentazzjoni u effiċjenza tal-prodotti, u tnaqqas l-esternalitajiet negattivi f'kooperazzjoni mill-qrib mal-partijiet ikkonċernati tal-katina tal-valur ferrovjarja kollha b'mod partikolari l-SMEs, iċ-ċentri tar-riċerka u t-teknoloġija kif ukoll l-universitajiet;

17. Jenfasizza l-ħtieġa li jiġu żviluppati aktar is-sinerġiji bejn is-sħubija l-ġdida u l-mekkaniżmi ta' finanzjament eżistenti u li jsir użu sħiħ mill-opportunitajiet għal proġetti ffinanzjati taħt programmi tal-Unjoni bħall-Faċilità Nikkollegaw l-Ewropa, il-Pjan Ewropa Diġitali, il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Reġjonali u l-Fond ta' Koeżjoni, kif ukoll InvestEU;

18. Jinnota li, fir-rapport annwali tal-attività tal-2020 tal-Impriża Konġunta, rigward il-bilanċ bejn il-ġeneri f'dak li għandu x'jaqsam mal-indikaturi għall-monitoraġġ tal-programm Orizzont 2020 għal dik is-sena l-Impriża Konġunta kellha l-istess perċentwal ta' nisa fuq il-Bord tat-Tmexxija bħas-sena ta' qabel, jiġifieri 16 %, filwaqt li kienu jirrappreżentaw 33 % tar-rappreżentanti tal-Impriża Konġunta u 33 % tal-Kumitat Xjentifiku; jiddispjaċih li l-perċentwal ta' nisa baqa' l-istess meta mqabbel mas-sena ta' qabel, jiġifieri l-2019;

19. Jinnota bi tħassib l-isfidi assoċjati mal-pandemija tal-COVID-19 għall-impjegati; jilqa' pożittivament il-fatt li l-Impriża Konġunta wettqet stħarriġ tal-persunal għall-ewwel darba u li tfassal pjan ta' azzjoni, li inkluda l-istabbiliment ta' "programm ta' taħriġ dwar il-benessri" biex il-persunal jingħata appoġġ matul il-pandemija tal-COVID-19; jitlob lill-maniġment jiżgura li jkun hemm fis-seħħ strutturi ta' appoġġ xierqa għall-benessri psikoloġiku tal-persunal;

Persunal u akkwist

20. Jinnota li fil-31 ta' Diċembru 2020, b'kont meħud tar-reklutaġġ eċċezzjonali ta' aġent kuntrattwali temporanju biex jissostitwixxi aġent temporanju, imtlew 24 pożizzjoni, li jinkludu 2 esperti nazzjonali sekondati, 5 aġenti temporanji, u 16-il aġent kuntrattwali skont it-tabella tal-persunal; jinnota li għall-ewwel sena l-Impriża Konġunta wettqet stħarriġ tal-persunal bl-għan li tkejjel l-involviment tal-persunal u li timmonitorja sa fejn il-qafas ta' kontroll intern predefinit tal-Impriża Konġunta kien diġà inkorporat fl-imġiba tal-persunal;

21. Jinnota li fl-2020, fl-interess ta' ġestjoni finanzjarja tajba u sa fejn possibbli, l-Impriża Konġunta għamlet użu mill-Ftehimiet dwar il-Livell ta' Servizz mas-servizzi rilevanti tal-Kummissjoni u l-Aġenziji tal-Unjoni (ICT, taħriġ, pagi, missjoni, rimborżi tal-esperti, persunal interim, eċċ.) u pparteċipat f'kuntratti qafas interistituzzjonali (eż.: IT, awditjar, għamara għall-uffiċċji, assigurazzjoni, servizzi tar-riżorsi umani) billi ffirmat Memoranda ta' Qbil, u barra minn hekk, l-Impriża Konġunta mexxiet jew ħadet sehem f'kuntratti qafas bejn Impriżi Konġunti (eż.: servizzi tal-IT u tal-protezzjoni tad-data), ukoll bl-objettiv li jittejbu s-sinerġiji; jinnota, barra minn hekk, li fl-2020, l-Impriża Konġunta varat l-ewwel sejħa tagħha għal Premju, taħt il-programm Orizzont 2020;

Awditu Intern

22. Jinnota li fl-2019, is-servizz tal-awditjar intern wettaq awditu dwar il-proċess tal-għotjiet, u li matul l-2020, l-Impriża Konġunta ħadet miżuri abbażi tal-pjan ta' azzjoni tagħha biex timplimenta l-erba' rakkomandazzjonijiet importanti li tqajmu mill-awdituri; jinnota, barra minn hekk, li f'Ottubru 2020, is-servizz tal-awditjar intern ikkonferma, abbażi ta' dokumentazzjoni addizzjonali, li qies li l-ewwel tliet rakkomandazzjonijiet kienu ġew implimentati u li f'Jannar 2021 huwa qies li r-rakkomandazzjonijiet kollha kienu implimentati;

23. Jinnota, barra minn hekk, li fl-2020, is-servizz tal-awditjar intern wettaq valutazzjoni tar-riskju fil-fond fl-Impriża Konġunta biex jiżviluppa pjan strateġiku ġdid tal-awditjar intern li jkopri l-perjodu 2021-2023;

Kontrolli interni

24. Jinnota, mir-rapport tal-Qorti, li fl-2020 l-Impriża Konġunta stabbiliet proċeduri ta' kontroll *ex ante* affidabbli bbażati fuq rieżamijiet dokumentarji finanzjarji u operattivi, u li l-Impriża Konġunta implimentat l-qafas ta' kontroll intern (ICF) tal-Kummissjoni, li huwa bbażat fuq 17-il prinċipju ta' kontroll intern; jinnota, barra minn hekk, li għall-awtovalutazzjoni annwali u għall-monitoraġġ tal-effettività tal-attivitajiet ta' kontroll meħtieġa mill-ICF, l-Impriża Konġunta żviluppat indikaturi rilevanti għall-prinċipji kollha ta' kontroll intern u għall-karatteristiċi relatati kollha;

25. Jinnota li d-deċiżjoni tal-Bord tat-Tmexxija Nru 7/2018 li tadotta r-regoli dwar il-prevenzjoni u l-ġestjoni tal-kunflitti ta' interess, li hija applikabbli għall-korpi tal-Impriża Konġunta, tirrikjedi li s-CVs aġġornati u d-dikjarazzjonijiet tal-kunflitt ta' interess tal-membri tal-Bord tat-Tmexxija jiġu ppubblikati fuq is-sit web tal-Impriża Konġunta; jinnota mir-rapport tal-Qorti li peress li ftit biss mill-membri tal-Bord tat-Tmexxija ppreżentaw l-informazzjoni kif xieraq, l-ebda waħda mid-dikjarazzjonijiet tal-kunflitt ta' interess ma setgħet tiġi ppubblikata u nofs is-CVs biss setgħu jiġu ppubblikati sa tmiem l-2020; jinnota, mir-risposta tal-Impriża Konġunta, li l-Impriża Konġunta fakkret diversi drabi lill-membri tal-Bord tat-Tmexxija biex jissottomettu d-dikjarazzjonijiet nieqsa tal-kunflitt ta' interess, li f'Ġunju 2021, 28 % tas-CVs u tad-dikjarazzjonijiet ta' kunflitt ta' interess kienu għadhom neqsin (12 minn 43 rappreżentant attiv attwali), u li ġie ppreżentat rapport dwar l-istatus lill-membri tal-Bord tat-Tmexxija li spjega li kwalunkwe membru li ma jkunx ikkonforma mar-rekwiżiti f'termini ta' dikjarazzjoni dwar il-kunflitt ta' interess u s-CV jitqies *de facto* f'sitwazzjoni ta' kunflitt ta' interess, li twassal għall-esklużjoni mill-proċess tat-teħid tad-deċiżjonijiet tal-Bord tat-Tmexxija; jistieden lill-Impriża Konġunta tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar kull żvilupp f'dan ir-rigward;

26. Jinnota li, skont ir-rapport tal-Qorti, is-Servizz tal-Awditjar Komuni tal-Kummissjoni (CAS) huwa responsabbli għall-awditu *ex post* tal-pagamenti tal-programm Orizzont 2020 magħmula mill-Impriża Konġunta u li, abbażi tar-riżultati tal-awditu *ex post* disponibbli fi tmiem l-2020, l-Impriża Konġunta rrapportat rata ta' żball rappreżentattiva ta' 2,9 % u rata ta' żball residwu ta' 1,99 % għall-proġetti tal-programm Orizzont 2020 (ikklirjar u pagamenti finali); jinnota l-proposta tal-Kummissjoni għal regolament dwar il-programm Orizzont 2020 li l-għan aħħari għal-livell ta' żball residwu fl-għeluq tal-programmi, wara li jkun tqies l-impatt finanzjarju tal-awditi u l-miżuri ta' korrezzjoni u ta' rkupru kollha, huwa li jinkiseb livell kemm jista' jkun qrib it-2 %;

27. Jinnota li fl-2020, l-Impriża Konġunta vvalutat l-attivitajiet tagħha ta' riċerka u innovazzjoni permezz tat-tielet eżerċizzju ta' kontroll li kkunsidra r-riżultati tanġibbli u r-rapporti ppreżentati fil-kuntest tar-rieżami annwali tal-proġetti attivi kkoordinati mill-membri l-oħra, filwaqt li żgura wkoll, permezz ta' dan il-proċess, li r-rakkomandazzjoni li saret matul il-valutazzjoni preċedenti ta' kontroll ġiet applikata kif suppost;

28. Jinnota li l-Impriża Konġunta kompliet timplimenta l-Istrateġija Shift2Rail Kontra l-Frodi 2017-2020, strateġija mfassla apposta kontra l-frodi li tikkomplementa l-programm Orizzont 2020 u li, f'konformità ma' dak, jintużaw ħames indikaturi biex jirrapportaw dwar ir-riżultati tal-attivitajiet ta' prevenzjoni u ta' identifikazzjoni tal-frodi, u li l-pjan ta' azzjoni relatat għall-implimentazzjoni tal-istrateġija jkopri l-istadji differenti taċ-ċiklu ta' kontra l-frodi (miżuri ta' prevenzjoni, identifikazzjoni, investigazzjoni u korrettivi); jinnota, barra minn hekk, li matul l-2020, is-sensibilizzazzjoni dwar il-frodi u r-riskji ta' frodi kienu koperti permezz tal-istħarriġ tal-persunal, imwettaq wara l-adozzjoni ta' qafas ta' kontroll intern rivedut, u l-valutazzjoni tar-riskju rispettivament;

29. Jinnota li l-Qorti, bħala parti mill-kontrolli tal-pagamenti operattivi, awditjat pagamenti tal-programm Orizzont 2020 li saru fl-2020, li ġew ikkampjunati b'mod aleatorju, fil-livell tal-benefiċjarji finali biex jikkorroboraw ir-rati ta' żball tal-awditjar *ex post* u li f'każ partikolari l-awditi dettaljati żvelaw żball sistemiku minħabba l-użu ta' metodu ħażin għall-kalkolu tal-kostijiet tal-persunal iddikjarati u, f'każ ieħor, dgħufija sistemika ta' kontroll mhux kwantifikabbli relatata man-nuqqas tal-proċedura ta' validazzjoni tal-benefiċjarju għas-sigħat iddikjarati bħala maħduma fuq il-proġett; jinnota r-risposta tal-Impriża Konġunta li, fir-rigward tas-sejba dwar in-nuqqas tal-proċedura ta' validazzjoni tal-benefiċjarju għas-sigħat iddikjarati, identifikata f'rapport ta' awditjar *ex post* imwettaq mis-SAK fi tmiem l-2020, aġġustamenti finanzjarji ma kinux meħtieġa, u li dan ir-rapport ikkonkluda li, b'mod ġenerali, is-sistema ta' reġistrazzjoni tal-ħin tal-benefiċjarju kienet affidabbli, u li l-benefiċjarju kkonferma li kien se jiġi implimentat titjib fis-sistema ta' validazzjoni tar-reġistrazzjoni tal-ħin; jappella lill-Impriża Konġunta tirrapporta lill-awtorità ta' kwittanza dwar żviluppi f'dan ir-rigward.

30. Jenfasizza li, fir-rapport annwali tal-Qorti dwar l-Impriżi Konġunti tal-UE għas-sena finanzjarja 2020, il-Qorti sabet żbalji sistemiċi persistenti fl-ispejjeż tal-persunal iddikjarati mill-benefiċjarji, b'mod partikolari min-naħa tal-SMEs u ta' benefiċjarji ġodda; jinnota li żbalji bħal dawn ġew irrapportati regolarment ukoll fl-awditi *ex post* tas-Servizz tal-Awditjar Komuni u tal-awdituri kkuntrattati tiegħu; jevidenzja li, fil-paġna 39 ta' dan ir-rapport, il-Qorti tiddikjara li s-simplifikazzjoni tar-regoli tal-programm Orizzont 2020 għad-dikjarazzjoni tal-ispejjeż tal-persunal u l-użu usa' ta' għażliet ta' spejjeż simplifikati hija prekundizzjoni għal programmi qafas ta' riċerka futuri, sabiex ir-rati ta' żball jiġu stabbilizzati għal taħt il-livell ta' materjalità; jinkoraġġixxi lill-Impriża Konġunta ssaħħaħ is-sistemi ta' kontroll intern tagħha peress li l-SMEs u l-benefiċjarji ġodda huma aktar suxxettibbli għall-iżbalji;